# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 73

Data tal-laqgħa: 19 ta' Lulju, 2023

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 19 ta' Lulju 2023 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Abraham Aquilina<br>Carl Grech |
| Assenti | Christopher Fenech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**73/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**73/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Christopher Fenech biex jiġi skużat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi reġistrat bħala assenti b'appoloġija.

**73/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 72**

**73/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**73/02/02** **Para 72/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rigward il-kwistjoni tal-arloġġ tad-dawl tal-kamra li tinsab biswit l-iskola hija ppruvat tagħmel kuntatt mal-Avukat tal-ARMS Dr Noel Bezzina.

**73/02/03** **Para 72/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħsara fil-bandli ta' Ġnien il-Paċi se tissewwa dalwaqt.

**73/02/04** **Para 72/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadu ma sar xejn.

**73/02/05** **Para 72/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero ħa isir minn Infrastructure Malta.

**73/02/06** **Para 72/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**73/02/07** **Para 72/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill applika għal fondi mill-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard*.

**73/02/08** **Para 72/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*cover* tal-platform lifter għadha ma saritx.

**73/02/09** **Para 72/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tinsab f'kuntatt mal-Lands Authority rigward il-kuntratti ta' *subleasing* ta' Torri tas-Semaforu u tas-Searchlight Battery.

**73/02/10** **Para 72/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

**73/02/11** **Para 72/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**73/02/12** **Para 72/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien talab l-ERA sabiex tiġi installata kamera tas-sigurta' fejn l-isptar tal-Ferħa kif ukoll fi Triq Għaxqet l-Għajn. Sal-lum ma smajna xejn.

**73/02/13** **Para 72/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li perit ser tipprovdi l-pjanti tar-railing madwar il-perimetru tal-pill box.

**73/02/14** **Para 72/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**73/02/15** **Para 72/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi.

**73/02/16** **Para 72/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bust ta' Guido Tanti li ser jitpoġġa f'Misraħ il-Knisja, il-Perit qed jistenna l-*clearance* minn Transport Malta u Superintendence of Cultural Heritage.

**73/02/17** **Para 72/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna l-approvazzjoni minn Transport Malta rigward is-suġġeriment li jsiru strippi mal-art fil-bidu ta' Triq San Ġwann.

**73/02/18** **Para 72/02/20:** Il-Kunsill qabel unanimament li notice boards isiru b'kollaborazzjoni ma' Reġjun Lvant.

**73/02/19** **Para 72/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet għamlet kuntatt mal-Enemalta rigward il-bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**73/02/20** **Para 72/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 4 tabelli qrib il-playing fields sabiex il-vetturi jkunu konxji biż-żona fil-viċinanzi ordnati.

**73/02/21** **Para 72/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nippruvaw minn 1 MC bay noħorġu 2/3 oħra fi Triq Stiefnu Zerafa.

**73/02/22** **Para 72/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni għal Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi ma smajna xejn.

**73/02/23** **Para 72/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat li ssir *road hump* fi Triq in-Naxxar fil-parti d-dejqa.

**73/02/24** **Para 72/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma smajna xejn fuq il-Clean Up the World Campaign 2023.

**73/02/25** **Para 72/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta biex isir *double yellow line* faċċata minħabba garaxx fi Triq D. Mifsud.

**73/02/26** **Para 72/03/01:** Is-Sindku ssuġġerit li l-laqgħa mar-residenti ta' Triq Fidiel Zarb issir fil-25 ta' Lulju 2023 fi 07:00pm. Kien hemm qbil unanimu.

**73/02/27** **Para 72/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Jum il-Għargħur kien suċċess. Is-Sa. Marilena Hassan suġġerit li jkun hemm iktar imwejjed u siġġijiet. Kien hemm qbil unanimu.

**73/02/28** **Para 72/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lid-dipartiment ta' xogħlijiet pubbliċi *re rain surface runoff increase causing flooding of fields (Triq tal-Ferħa).*

**73/02/29** **Para 72/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit ser jagħmel site visit minħabba talba ta' resident għal *culvert* quddiem garaxx fi Sqaq numru 1, Triq San Nikola.

**73/02/30** **Para 72/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *slow sign* għal Triq in-Naxxar k/m Triq Santa Katerina.

**73/02/31** **Para 72/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tordna *dog bin* għat-Triq tal-Ferħa (fil-wied).

**73/02/32** **Para 72/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-3 stampi ġodda għall-ħajt tal-Ġnien ta' Żagħruna għadhom pendenti.

**73/02/33** **Para 72/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *Keep Clear* quddiem dar fi Triq San Nikola trid tiġi approvata minn Transport Malta.

**73/02/34** **Para 72/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tordna *u-bar* għal Triq S. Zerafa.

**73/02/35** **Para 72/05/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tqassmu *flyers* dwar l-attivitajiet ta' Jum il-Għargħur.

**73/02/36** **Para 72/05/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li laqgħa dwar il-festa saret fl-14 ta' Lulju 2023.

**73/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**73/03/01** Il-Kunsill qabel unanimament li f'Awwissu Carmen Sciuech (CWS) titħallas il-performance bonus għax se tilħaq l-eta' tal-pensjoni.

**73/03/02** Is-Sindku qalet li l-ħaddiem Alfred Cuschieri (RSSL) talab li jibqa' jaħdem sakemm jagħlaq 65 sena. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tikteb lis-Sur Natalino Attard.

**73/03/03** Is-Sindku qalet li l-Artista Victoria Chan offriet li tagħmel tpinġijiet b'xejn. Il-Kunsill qabel unanimament li tagħmel il-ħajt tal-Ġnien ta' Żagħruna jew il-bankijiet ta' ħdejn id-Duluri.

**73/03/04** Is-Sindku qalet li s-Sindku tal-Comune di Giarratana għamel stedina lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv biex jattendu għas-Sagra della cipolla li ħa ssir bejn it-12 u l-14 t'Awwissu 2023.

**73/03/05** Il-Kunsill qabel unanimament li b'kollaborazzjoni ma' Reġjun Lvant jgħin lill-għaqdiet fl-ispejjeż tal-assigurazzjoni.

**73/03/06** Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku ser tibda tattendi għal-laqgħat tal-MAGF minflok is-Sur Abraham Aquilina.

**73/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**73/04/01** Ma kienx hemm.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**73/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**73/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Jilly Camilleri – Rilokazzjoni ta' sit tal-iBins.

**73/05/02** Ġiet innutata korrispondenza minn Ms Ben Portelli – Nota ta' gratitudni.

**73/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-AKL – Ċir AKL 2023/065 Group Life Policy – Membri Eletti.

**73/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 28 ta' Ġunju 2023).

**73/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 5 ta' Lulju 2023).

**73/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 12 ta' Lulju 2023).

**73/05/07** Fuq is-suġġeriment biex Triq San Ġwann (bejn l-ATM u Triq San Bartilmew) tiġi one-way waqt il-ħruġ ta' tfal mill-iskola. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tikteb lil Transport Malta.

**73/05/08** Fuq it-talba ta' resident għal *dog bin* qrib id-dar numru 2, fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill qabel unanimament.

**73/05/09** Fuq it-talba ta' residenta għal *double yellow line* quddiem il-garaxx 110, fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill qabel unanimament.

**73/05/10** Is-Sur Aquilina ressaq li terġa' teħel it-tabella 'STOP' fi Triq Dun K. Fenech. Il-Kunsill qabel unanimament.

**73/05/11** Is-Sur Aquilina ressaq li rega' hemm ħsara fi dawl ta' Triq San Gwann. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tikteb lil foreman tal-Enemalta.

**73/05/12** Is-Sur Aquilina ressaq li mill-Erbgħa ta' qabel il-festa tingħalaq il-pjazza kollha. Kien hemm qbil unanimu.

**73/05/13** Is-Sur Aquilina qal li Water Games għat-Tfal ħa jsiru l-Ħamis, 20 ta' Lulju fil-5:30pm.

**73/05/14** Is-Sa. Marilena Hassan resqet li nibagħtu ittra lil okkupant ta' residenza fi Triq l-Indipendenza minħabba ħsara fil-kanna tal-ilma. Il-Kunsill qabel unanimament.

**73/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**73/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**73/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**73/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 9 t' Awwissu 2023 fil-5:30p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**